MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 49/2006/1

**Azzopardi Emanuel – 430250M; Borg Joseph - 363950M; Chapelle Mark – 372059M; Galea Domnic – 43582M; Galea Noel – 522277M; Ghassan Abdullah – 417695M; Grech Carmel – 879550M; Grima John – 349251M; Lapira Gerth – 451978M; Portelli Marco – 582574M; Shawkat Allah – 207895M; Thornton Herman – 199452M; Vella Ronald – 112585M; Vento Victor – 832349M; Abdilla Julius – 317646M; Attard Joseph - 571758M; Azzopardi Anthony – 16858G; Azzopardi - Anthony – 929346M; Azzopardi Brian – 14985G; - Azzopardi Carmel – 68555G; Azzopardi Mario – - 27257G; Bonello Steven – 423882M; Bonnici - John – 26151M; Borg Richard – 1050246M;**

- **Carabott Carmel – 693449M; Caruana Lawrence**
- **- 774946M; Cutajar Eugene – 380359M; Falzon**
- **George – 753149M; Frendo Mario – 689062M;**
- **Gafa` Joseph – 661854M; Gatt Carmel 1072248M;**
- **Gulia Carmel – 76556M; Hibs Edwin – 441551M;**
- **Lagana Mario – 276761M; Micallef Louis –**
- **589559M; Mizzi Anthony – 278356M; Schiavone**
- **John – 1045146M; Scicluna Emanuel – 792759M;**
- **Theuma Gaetano – 150962M; Vella Anthony –**
- **13655G; Xuereb Saviour – 16553G; u Zahra**
- **Raymond – 599563M**
-
- **v.**
-
- **Sea Malta Company Limited (C2764)**

**Il-Qorti,**

**Preliminari;**

B'rikors ipprezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Jannar 2006 gie premess illi s-socjeta` Sea Malta Company Limited qeghda fil-process ta' likwidazzjoni u diga' inhatru likwidaturi sabiex jiddisponu mill-assi tas-socjeta`; illi r-rikorrenti huma mpjegati tas-socjeta` intimata li x-xoghol taghhom gie terminat izda li ma thallsux il-pagi u l-beneficcji kollha dovuti lilhom inkluz il-hlas tat-terminazzjoni tal-impjieg skond il-ftehim kollettiv li hemm bejn ir-rikorrenti u s-socjeta` intimata kif ukoll hlasijiet ohra li huma dovuti lir-rikorrenti skond il-ligi, liema hlasijiet jammontaw ghal LM929,804 (disa' mija u disa' u ghoxrin elf, tmin mija u erbgha lira) skond prospett anness Dok 1; illi sa fejn jafu r-rikorrenti l-unici proprjetajiet li s-socjeta` intimata ghandha huma zewg bastimenti, il-bastiment MV Maltese Falcon – numru ufficjali 6387 u MV Zebbug – numru ufficjali 1407 u ghalhekk il-bastimenti huwa (recte: huma) proprjeta` li tista' taghmel tajjeb ghall-ammont dovut lir-rikorrenti; illi jekk il-bastimenti fuq imsemmija ma jibqghux aktar proprjeta tas-socjeta` intimata jew jekk jigu kostitwiti aktar ipoteki navali (mortgages) fuq il-bastimenti d-drittijiet tar-rikorrenti jigu

eluzi u ghalhekk l-istess rikorrenti ghandhom interess illi, sabiex jigu kkawtelati d-drittijiet taghhom, l-imsemmija bastimenti ma jigux trasferiti lil terzi u ma johorgux mill-patrimonju tas-socjeta` intimata kif ukoll ma jigux kostitwiti u registrati aktar ipoteki navali fuq l-istess bastmenti; illi a tenur tal-Artikolu 37 tal-Att XI tal-1973 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Bastimenti Merkantili din l-Onorabbli Qorti tista' [tordna] illi ma jsir ebda negozju fil-bastiment jew f'xi sehem minnu sakemm il-vertenza bejn il-partijiet tinqata fis-sede kompetenti; dan premess ir-rikorrenti talbu li dik il-Qorti:-

1) tordna li jigi pproibit kull negozju ta' kwalsiasi natura fil-bastiment MV Maltese Falzon u MV Zebbug jew f'xi sehem minnhom;

2) tordna li ma ghandu jsir l-ebda bejgh u/jew trasferiment tal-istess bastimenti MV Maltese Falcon u MV Zebbug jew f'xi sehem minnhom;

3) tordna li ma ghandu jsir ebda registrazzjoni ta' kwalunkwe mortgage jew ipoteka fuq il-bastimenti imsemmija.

B'risposta pprezentata fit-8 ta' Frar, 2006 is-socjeta` intmata eccepiet:-

1. Fl-ewwel lok illi l-azzjoni odjerna hija nulla u minghajr effett fil-ligi billi ma gietx istitwita b'citazzjoni;

2. Fit-tieni lok illi l-artikolu 37 tal-Kap 234 tal-ligijiet ta' Malta ma huwiex applikabbli ghall-kaz billi r-rikorrenti ma ghandhomx claim "on or over the vessel".

3. Fit-tielet lok u fi kwalsiasi kaz illi l-artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta ma huwiex applikabbli b'effett tal-artikolu 222 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

4. Fir-raba lok illi l-ebda dritt eventwali tar-rikorrenti ma hu ser jigi eluz billi ma hijiex ser issir distribuzzjoni finali hlief bl-approvazzjoni tal-Qorti u ghalhekk l-esponent jinvokaw (sic!) is-subartikolu tlieta (3) tal-artikolu 37 premess.

5. Fil-hames lok, kompletament bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz li l-artikolu 37 ma japplikax ghal kazijiet ta' likwidazzjoni.

6. Fis-sitt lok u fi kwalsiasi kaz **illi r-restrizzjoni li r-rikorrenti jridu jimponu fuq il-likwidaturi ser ikun**

**pregudizzjevoli ghall-massa tal-kredituri u ghall-likwidazzjoni.**

7. Subordinatament u fi kwalsiasi kaz, kompletament minghajr pregudizzju ghall-premess, f'kaz biss illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li b'danakollu hi ghandha tilqa' t-talbiet attrici:-

a. l-Ordni eventwali ghandha tispecifika s-somma li ghaliha qieghda tinghata din il-kawtela, u il-kumpannija eccipjenti ghandha ikollha l-fakolta` li titlob ir-revoka tal-ordni jekk tipproduci garanzija idonea ghall-pretensjonijiet tal-atturi;

b. l-Ordni eventwali ghandha tispecifika li l-proibizzjoni kontemplata tigi revokata f'kaz illi l-proceduri fuq il-mertu ma jigux ntavolati fi zmien stabbilit mill-qorti u/jew ma jipprocedux b'ritmu desiderabbli u ragjonevoli ghal xi raguni mputabbli lill-atturi;

c. din l-Onorabbli Qorti ghandha tiffissa garanzija xierqa u idonea li l-atturi ikunu obbligati li jaghtu fi zmien qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa u dan in kawtela tad-danni, imghaxijiet u spejjez sofferti, u dan skond dak li jirrizulta tul is-smigh tal-kawza.

8. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza moghtija fil-15 ta' Marzu, 2006 il-Prim Awla tal-Qorti Civili, wara li rrespingiet l-eccezzjoni preliminari fir-rigward tan-nullita` ta' l-azzjoni, iddisponiet minn din il-vertenza billi laqghat it-talbiet attrici u konsewgentement ordnat li jigi pproibit kull negozju ta' kwalsiasi natura fil-bastiment MV Maltese Falzon u MV Zebbug jew f'xi sehem minnhom; ordant illi ma ghandu jsir l-ebda bejgh u/jew trasferiment ta' l-istess bastimenti jew f'xi sehem minnhom; u ordnat li ma ghandu jsir ebda registrazzjoni ta' kwalunkwe *mortgage* jew ipoteka fuq il-bastimenti MV Maltese Falcon u MV Zebbug bl-ispejjes riservati ghall-gudizzju finali fil-mertu, u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

**"L-Artikolu 37 tal-Kap 234.**

“Skond dan l-artikolu:

(1) *The Civil Court, First Hall, may, if it thinks fit (and without prejudice to the exercise of any other power of the court), on a demand by writ of summons of a person claiming a right in or over a ship make an order prohibiting for a specified time, which shall in no case be of more than a year, any dealing with a ship or any share therein, and the court may make the order on any terms and conditions it thinks just, subject to any provision of this Act, including, without prejudice to the generality of the above, the imposition of an obligation to provide approppriate security, for damages, interests and costs, or may refuse to make the order, or may discharge the order when made, with or without costs, and generally may act in the case as the justice of the case requires; and every registrar, without being made a party to the proceedings, shall on being served with, or given notice of, the order obey the same and shall enter a note thereof and the relevant expiry date in the register of the ship.*

“L-iskop ta’ l-azzjoni b’dina l-procedura huwa biex meta l-mertu tal-kawza jingieb a konjizzjoni tal-Qorti u jibda jigi trattat minnha, ma jsir xejn mill-partijiet biex jippregudika irrimedjabbilment dak il-mertu u l-jeddijiet tal-kontendenti. L-ewwel issir talba ghall-hrug ta’ ordni provvizorju kif saret permezz ta’ rikors. Imbaghad jigi intavolat l-att tac-citazzjoni (illum rikors guramentat) biex il-hrug ta’ l-ordni kawtelatorju jsir definittiv kif kontemplat fl-artikolu 37 fuq citat.

“L-artikolu 37 hu intiz biex jinibixxi lis-sid tal-bastiment milli jbiegh il-bastiment u fl-istess hin jaghti drittijiet fuq il-bastiment lill-kredituri privileggjati li ebda kreditur iehor li mhux hekk kwalifikat, ghandu.

“Fil-kaz in ezami b’degriet tas-17 ta’ Jannar 2006 il-Qorti kienet laqghet it-talba b’mod provvisorju biex jigi projbit li jsir kull negozju ta’ kwalsiasi naura; ma jsir ebda bejgh u/jew trasferiment; ma jsir ebda registrazzjoni ta’

kwlaunkwe mortgage jew ipoteka fil-bastimenti MV Maltese Falcon u MV Zebbug jew f’xi sehem minnhom.

“Fis-17 ta’ Jannar 2006 giet prezentata c-citazzjoni odjerna (rikors guramentat) biex jigi konfermat definittivament l-ordni kawtelatorju li nhareg.

“Ir-rikorrenti talbu l-hrug ta’ tali ordni a bazi tal-fatt li huma kienu impjegati mas-socjeta` intimata, li llum qeda fi process ta likwidazzjoni, u gew appuntati likwidaturi li qed jamministraw u jiddisponu mill-assi ta’ l-istess socjeta`. Ir-rikorrenti qed jitolbu l-hlas tal-pagi taghhom, beneficcju u hlassijiet ohra dovuti lilhom skond ftehim kollettiv u skond il-ligi ta’ l-impjieg, liema hlasijiet jammontaw ghal LM929,804 u kull wiehed minnhom individwalment ghandu jiehu s-somma li hemm indikata fl-iskeda prezentata a fol 18.

“Ma jidhirx li l-kreditu per se avvanzat mir-rikorrrenti qed jigi kontestat mill-intmati. Il-Qorti pero` trid tara wkoll jekk il-kreditu tar-rikorrenti jikkwalifikax a termini ta’ l-artikolu 37(1) tal-Kap 234 biex issir it-talba odjerna.

“Illi l-likwidatur Andrew Chetcuti Ganado wiegeb li l-artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta’ Malta ma huwiex applikabbli ghall-kaz in ezami billi r-rikorrenti ma ghandhomx claim “on or over the vessel.”

“Illi dwar dana, l-artikolu 37(10) tal-Kap 234 jipprovdi li

*For the purposes of this article:*

*(a) a right in or over a ship or part thereof shall be a claim based on:*

*……………...*
*……………...*
*(v) any other claim which gives rise to a claim <u>in rem</u> against a vessel under Maltese law;*

“Ir-rikorrenti qed jissottomettu li huma ghandhom dritt jagixxu that l-artikolu 37 tal-Kap 234 billi huma ghandhom *claim* privileggjat skond is-subartikolu ta’ l-istess artikolu.

“Imbaghad l-artikolu 50 H Kap 234 isemmi liema huma l-krediti privileggjati.

*“The debts hereunder specified are secured by a special privilege upon the vessel, as well as any proceeds from any indemnity arising from collisions and other mishaps as well as any insurance proceeds:*

*(h) wages and other sums due to the master, officers and other members of the vessel’s complement in respect of their employment on the vessel, including costs of repatriation and social insurance contributions payable on their behalf;*

“Huwa minhabba f’hekk li r-rikorrenti ghandhom dritt li jipprezentaw il-proceduri taht l-Artikolu 37 u ghandhom claim “on or over the vessel.”

“L-intimati jissottomettu wkoll li l-artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta’ Malta ma huwiex applikabbli ghal dan il-kaz b’effett ta’ l-artikolu 222 ta’ l-Att dwar il-Kumpanniji.

“F’dan ir-rigward il-Kap 234 jipprovvdi li meta jkun hemm procedura ta’ likwidazzjoni, l-procedura taht l-artikolu 37 ma tistax tigi pregudikata minhabba l-proceduri li jkun qed jaghmel il-likwidatur. Infatti fl-artikolu 37(2) hemm imsemmi li:

“*Any judicial sale proceedings instituted by any registered mortgagee or privileged creditor **shall not be interrupted or in any way hindered** by any curator in bankruptcy, whether voluntary or compulsory, **or any liquidator** or receiver of the shipowner for any cause other that a cause that could be set up by the owner.*

“L-artikolu 37A(1) jaghmel distinzjoni bejn l-assi tas-socjeta` li ghandha vapuri u l-assi ohra ta’ l-istess socjeta`

li mhumiex vapuri u li l-*claims* fuq il-vapuri ghandhom ikollhom preferenza fuq id-dejn l-iehor tas-socjeta`.

*"Ships and other vessels constitute a particular class of moveables whereby <u>they form separate and distinct assets within the estate of their owners for the security of actions and claims to which the vessel is subject.</u> In case of bankruptcy of the owner of a ship, all actions and claims, to which the ship may be subject, shall have preference, on the said ship, over all other debts of the estate.*

"L-intimati wiegbu wkoll li l-ebda dritt eventwali tar-rikorrenti ma hu ser jigi eluz billi ma hijiex ser issir distribuzzjoni finali hlief bl-approvazzjoni tal-Qorti u ghalhekk l-esponent jinvoka is-subartikolu tlieta (3) ta' l-artikolu 37 li jghid:

*"The Court shall not issue an order in terms of sub-article (1) and shall discharge any such order when made, if it is satisfied that the rights of the plaintiff are already otherwise secured."*

"Ir-rikorrenti ma jaqblux ma din is-sottomissjoni ta' l-intimati billi qed isostnu li jekk kemm il-darba jsir bejgh privat tal-bastiment mill-likwidatur huma jitilfu l-privilegg fuq il-bastimenti li huma ghandhom bl-artikolu 37 tal-Kap 234 u kulhadd isir kreditur regolat biss bil-ligi tal-Kumpanniji. Huma jirritjenu li l-privilegg li l-ligi taghti bl-artikolu 37 hu biss fuq il-bastiment u mhux fuq ir-rikavat konsistenti fi flus. Dan ifisser li r-rikorrenti mhux biss jistghu jigu pregudikati ghaliex jitilfu l-privilegg taghhom izda jigu zvantaggjati wkoll ghax kredituri ohra jista' jigu qabilhom skond il-ligi tal-Kumpanniji.

"Illi l-Kap 234 dwar il-bastimenti jaghti privilegg u drittijiet lir-rikorrenti (ara artikoli 37 u 50) li l-ligi tal-kumpanniji ma taghtihomx u li titrattahom bhala kredituri semplici. Jekk invece l-bejgh isir bis-subbasta r-rikavat jinqasam skond l-artikolu 50 tal-Kap 234 fejn ir-rikorrenti ghandhom precedenza fuq kredituri li skond il-ligi tal-kumpanniji kienu jippreceduhom.

“Il-Qorti hi tal-fehma li bejgh privat mill-likwidatur jista’ jippregudika d-drittijiet tar-rikorrenti billi kredituri ohra jistghu jesigu mill-likwidatur li huma jithallsu qabel ir-rikorrenti, dan kemm permezz ta’ mandati ohra kif ukoll permezz ta’ kondizzjonijiet fir-registru merkantili li jistghu jkun hemm.

“L-intimati wiegbu wkoll li r-restrizzjoni li r-rikorrenti jridu jimponu fuq il-likwidatur ser ikunu pregudizzjevoli ghall-massa tal-kredituri u ghall-likwidazzjoni.

“Illi l-Kap 234 jipprovdi specifikatament li r-rikorrenti huma kredituri li ghandhom drittijiet privileggjati fuq il-bastiment li ghandu jigi konsidrat bhala *asset* separat mill-*assets* l-ohra tas-socjeta` konvneuta u ghandhom jigu qabel krediti ohra. Dan li qed jitolbu r-rikorrenti taghtihom il-ligi u huma qed jitolbu xejn li mhux taghhom skond il-ligi.

**“Garanzija**

“Skond il-Kap (recte: Artikolu) 37(1) ‘*the court may make the order on any terms and conditions it thinks just, subject to any other provision of this Act, including, without prejudice to the generality of the above, the imposition of an obligation to provide appropriate security for damages, interests and costs’.*

“Ir-rikorrenti qed jaghmlu dina l-procedura biex jinghataw protezzjoni sakemm tinqata’ l-kawza fil-mertu li huma ghamlu ghall hlas li suppost sar lilhom meta tkeccew mill-impjieg taghhom. Mhux il-kaz ghalhekk li barra li ma thallsux dak li hu dovut lilhom, ir-rikorrenti jigu mgieghlha wkoll jaghmlu garanzija lil istralcjarju li suppost qed jahdem biex jghin lir-rikorrenti jiehdu dak li hu dovut lilhom. It-talba tar-rikorrenti bl-ebda mod ma ghandha xxejjen il-possibbilita` li jsir il-bejgh tal-bastiment anzi l-azzjoni taghhom ghandha twassal ghalhekk. Jigi rilevat li min hu verament interessat li jixtri, ser jixtri kemm jekk il-bejgh isir b’subasta u kemm jekk isir b’mod privat.”

**L-appell tas-socjeta` intmata.**

Is-socjeta` intimata hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk, b'rikors ipprezentat fl-20 ta' Marzu, 2006 interponiet appell lil din il-Qorti fejn talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, tigi revokata u mhassra l-imsemmija sentenza jew fin-nuqqas li din il-Qorti tirriforma l-istess decizjoni billi timponi l-obbligu fuq l-atturi appellati li jaghtu garanzija kif mitlub mill-appellanti, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

Ir-rikorrenti appellati intavolaw risposta fejn talbu li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjes.

Mir-rikors ta' l-appell jidher li l-aggravji mressqa mls-socjeta` intimata appellanti kontra s-sentenza imsemmija huma essenzjalment tnejn u cioe`:
a) dwar l-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti ta' certi disposizzjonijiet applikabbli fil-Kap 234, principalment dawk li jirrigwardaw l-effetti ta' privileggi specjali marittimi meta jinbiegh bastiment merkantili lil terzi inkluz bejgh li jsir minn stralcjarju waqt process ta' l-istralc; u
b) dwar dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti naqset li timponi l-obbligu fuq ir-rikorrenti appellati li jiddepositaw garanzija idonea biex taghmel tajjeb ghad-danni u spejjez li ser issofri s-socjeta` intimata kif ukoll il-massa tal-kredituri.

**Ikkunsidrat:**
Minn ezami tar-rikors ta' appell, risposta tal-kontro-parti u s-sottomissjonijiet orali ta' l-abbili difensuri tal-kontendenti fiz-zewg udjenzi mizmuma minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu u 3 ta' April 2006, jidher li hemm qbil bejn il-kontendenti dwar x'inhi proprjament id-divergenza ta' bejniethom. Kif gie spjegat b'mod konciz fir-rikors ta' l-appell "*d-divergenza bejn il-partijiet tidher li hija limitata ghall-effetti li jista' jgib il-bejgh tal-bastiment da parti tal-istralcjarju. L-atturi [recte: rikorrenti] jikkontendu illi tali bejgh ser ikun ta' pregudizzju ghalihom billi huma jissottomettu illi la darba jsir tali bejgh, il-privilegg li presentement igawdu bis-sahha tal-artikolu 50 tal-Kap 234 jintilef u dan ghar-raguni illi tali privilegg ma jigix trasferit fuq ir-rikavat.*" Infatti l-ewwel qorti waslet biex

akkoljiet t-talba tar-rikorrenti u b'hekk harget l-ordni a tenur ta' l-artikolu 37 tal-Kap 234 meta esprimiet ruhha hekk:

"*Il-Qorti hi tal-fehma li bejgh privat mill-likwidatur jista' jippregiudika d-drittijiet tar-rikorrenti billi kredituri ohra jistghu jesigu mill-likwidatur li huma jithallsu qabel ir-rikorrenti, dan kemm permezz ta' mandati ohra kif ukoll permezz ta' kondizzjonijiet fir-registru merkantili li jistghu jkun hemm*."

Jinghad qabel xejn li jidher li ma hemmx kontestazzjoni minn nahha tas-socjeta` appellanti li l-kreditu tar-rikorrenti jista' jkun privileggjat a tenur tal-Artikolu 50 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghalhekk ir-rikorrenti huma intitolati jibbenefikaw mill-provvedimenti ta' l-Artikolu 37 tal-Kap 234. Jidher ukoll li r-rikorrenti b'rikors tat-23 ta' Marzu 2006 ghamlu dawk il-proceduri mehtiega biex jottjenu l-bejgh in subbasta tal-bastiment. Kien ghalhekk validu l-kumment tar-rikorrenti appellati fir-risposta taghhom ghar-rikors ta' l-appell li l-opposizzjoni li qed jressaq l-istralcjarju kontra t-talba taghhom tmur espressament kontra l-provvedimenti ta' l-Artikolu 37C(2) tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan premess din il-Qorti hija fid-dover li tara jekk l-opposizzjoni li qed issir ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ottenut fuq talba tar-rikorrenti appellati hijiex gustifikata. Dan jista' jsir biss kemm-il darba is-socjeta` appellanti, kif rapprezentata mill-istralcjarji, tissodisfa lil din il-Qorti li kemm-il darba jsir bejgh privat tal-vapur, kuntrarjament ghal bejgh b'irkant a tenur ta' l-Artikolu 847 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-interessi tar-rikorrenti appellati, *qua* kredituri privileggjati a tenur ta' l-Artikolu 50 tal-Kap 234 tal-ligijiet ta' Malta, ma jigux mittiefsa.

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li l-procedura adottata mir-rikorrenti appellati, u cioe` dik tramite l-Artikolu 37 tal-Kap 234 u l-bejgh b'subasta tal-vapur a tenur ta' l-Artikolu 847 tal-Kap 12, tissalvagwardja l-interessi tar-rikorrenti *qua* kredituri privileggjati billi r-rikavat mill-bejgh tal-bastiment jibqa' fil-pussess u taht il-kontroll tal-Qorti

kompetenti, liema rikavat jigi distribwit wara konkors tal-kredituri li jirrispetta l-gradwazzjoni tad-diversi krendituri proprju skond ma jiddisponi l-Artikolu 50 tal-Kap 234.

B’dana kollu s-socjeta` appellanti qed tissottometti li kemm-il darba kellu jsir bejgh privat mill-istralcjarji bl-approvazzjoni tal-Qorti, ir-rikorrenti appellati ma huma ser ibatu ebda pregudizzju billi r-rikavat mill-bejgh tal-vapur jibqa’ kunsidrat bhala assi separat mill-assi l-ohra tas-socjeta` appellanti, u l-istess rikorrenti jibqghu jibbenefikaw u jippregradwaw skond il-privilegg dovut lilhom a tenur tal-ligi dwar il-Bastimenti Merkantili. Tressqu diversi argumenti mis-socjeta` appellanti f’dan ir-rigward, senjatament li l-ghan tal-bejgh huwa principalment li jigu likwidati l-assi tas-socjeta` Sea Malta a tenur tal-Companies Act (Kap. 386) u li ma hemm ebda inkompatibilita` bejn il-ligijiet li jirregolaw il-kumpanniji u ligijiet li jirregolaw l-aspett marittimu. Is-socjeta` appellanti ghamlet referenza ghal diversi artikoli tal-Kap 234 in sostenn ta’ din is-sottomissjoni. Infatti gie rilevat li l-artikolu 37C(1) tal-Kap. 234 jiddisponi illi l-privileggi specjali ma jigux pregiudikati bil-fallimenti tal-proprjetarju u li tali privileggi jibqghu igawdu minn privilegg u preferenza.  Gie rilevat ukoll illi l-Artikolu 54A(1) ta’ l-imsemmi Kap. 234 jipprovdi preferenza ta’ dawk il-krediti muniti minn privilegg specjali a tenur ta’ l-Artikolu 50 b’kuntrast mal-krediti l-ohra li huma kawtelati b’ipoteka jew privilegg mod iehor.

Saret ukoll referenza ghall-Artikolu 302 tal-Companies Act (Kap. 386) li jiddisponi illi “In the winding up of a company the assets of which are insufficient to meet the liabilities (bhalma jista’ jkun fil-kaz in ezami), the rights of secured and unsecured creditors and the priority and ranking of their debts shall be regulated by the law for the time being in force.” Qed jigi sottomess ghalhekk li l-istracljarji huma obbligati li jirrispettaw l-pregradwazzjoni li tirrizulta favur r-rikorrenti u naxxenti mill-artikolu 50 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta’ Malta. F’dan ir-rigward id-difensur tar-rikorrenti appellati rrileva li fl-1 ta’ Mejju, 2004, bl-avviz legali 223/04, dahlu in vigore r-regolamenti maghmula mill-Ministru ghall-Kompetittivita` u Kommunikazjonijiet skond

il-poteri konferiti lilu bl-artikolu 84Z tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, liema regolamenti, li jissejjhu "The Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations, 2004", japplikaw "to shipping companies formed and registered under the Commercial Partnerships Ordinance with effect from the 1st August 2004" sakemm dik is-'shipping company' taghzel "*to be governed by the Companies Act*," f'liema kaz "*it shall file a notice in accordance with the provisions of paragraph (4) of this regulation and these regulations* <u>*shall not apply to such shipping companies*</u>". Fl-udjenza tat-3 ta' April, 2006 gie verbalizzat hekk: "*Id-difensuri tal-partijiet jaqblu li d-disposizzjonijiet ta' l-Avviz Legali Nru 223/04 ma japplikawx ghal kaz odjern peress li l-kumpannija "Sea Malta Co. Ltd" kienet u ghadha regolata bil-Companies Act Kapitolu 386*." Din ir-referenza ghal dan l-Avviz Legali saret mid-difensuri ta' l-appellati biex tigi enfasizzata id-differenza tat-trattament akkordat lill-kredituri ta' kumpannija li ma ghandhiex assi sufficjenti biex tissodisfa l-kredituri taghha fl-Att Dwar il-Kummpanniji u fir-regolamenti imsemmija, li, kif gja inghad, ma japplikawx ghal kaz sotto ezami. Infatti filwaqt li skond l-Artikolu 302 tal-Companies Act, hawn fuq riportat, jinghad biss li "*the rights of secured and unsecured creditors and the priority and ranking of their debts shall be regulated by the law for the time being in force*" ir-regolament 162 tal-Avviz Legali 223/04 jiddisponi b'mod izjed specifiku billi hemm jinghad "*In the winding up of a company the assets of which are insufficient to meet the liabilities, the rights of secured and unsecured creditors and the priority and ranking of their debts the provisions of the Act shall apply and* <u>*all claims against a ship shall rank in priority to all other claims against the company.*</u> *The determination by a liquidator of whether a claim is against a ship or not shall be binding on all parties subject to the right of the creditor of a ship to apply to the court to review such determination.*" Minn dan, din il-Qorti tirravviza distinzjoni netta u importanti bejn il-posizzjoni tar-rikorrenti *qua* kredituri privileggjati tal-bastiment skond l-Companies Act u l-posizzjoni taghhom a tenur tal-Avviz Legali 223/04, li, kif gja inghad ma japplikax ghall-kaz sotto ezami. U dana billi fil-kaz li kellu japplika l-imsemmi avviz il-posizzjoni taghhom *qua*

krudituri privileggjati tal-bastiment kienet tkun kristallizzata u ma setghet qatt tinqala' l-kwistjoni jekk, bil-bejgh privat tal-istess bastiment, l-posizzjoni taghhom tkunx pregudikata kif qed jigi sottomess.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti ma hijiex sodisfatta li l-argumenti mressqa mis-socjeta` appellanti, inkluz dak li l-bejgh privat suggerit mill-istralcjarji isir bl-approvazzjoni tal-Qorti, ghandhom xi fondament sod li jwarrbu kull biza' legittimu u ragjonevoli tar-rikorrenti appellati b'dak li jista' jigri kemm-il darba huma jippermettu li jsir il-bejgh b'mod privat u mhux kif qed jissugerixxu huma b'subbasta. Infatti l-inkwiet principali tar-rikorrenti appellati huwa msejjes fuq l-fatt li la darba l-bastiment jinbiegh privatament mill-istralcjarji, il-prezz rikavat ma jibqghax distint u separat mill-assi l-ohra tas-socjeta`, kif jinghad fl-Avviz Legali fuq imsemmi, izda jithallat mal-istess assi bil-konsegwenza li huma jitilfu dak il-vantagg li l-Artikolu 50 tal-Kap 234 jaghtihom kemm-il darba il-bejgh isir b'subasta. Din il-biza giet espressa b'dan il-mod billi qed jinghad li "L-impjegati (cioe` ir-rikorrenti appellati) ma ghandhomx privilegg fuq il-kumpannija izda biss privilegg fuq il-vapur, ghalhekk taht il-Companies Act huma jigu kunsidrati biss bhala semplici kredituri." Barra minn hekk, u kif sewwa osservaw ir-rikorrenti appellati, anke jekk il-privilegg taghhom jigi rikonoxxut fil-gradwazzjoni tal-kredituri, xorta wahda, taht il-Ligi tal-Kumpanniji jidhlu qabilhom certi kredituri bhal ma huma il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u d-Dipartiment tal-VAT, u sahansitra l-istess stralcjarji, mentri kieku kellha issir l-gradwazzjoni tal-kredituri wara bejgh in subasta tal-vapur, dawn lanqas biss ma jigu kunsidrati.

Dan l-aggravju tas-socjeta` appellanti ghalhekk ma huwiex gustifikat.

**Dwar il-garanzija**

Dwar il-garanzija rikjesta mis-socjeta` appellanti "*to provide appropriate security, for damages, interests and costs*" jigi osservat li l-impozizzjoni ta' tali obbligu huwa diskrezzjonali ghall-Qorti kif jidher mid-dispositiv tal-Artikolu 37(1) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u din il-

Qorti ma tara xejn li jiggustifika li tvarja dik id-diskrezzjoni hekk ezercitata mill-ewwel Qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.  L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------